VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,211, 22 ta' Marzu, 2024*
*Taqsima C*

# Nru 93

22. 03. 2024

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Michael Falzon, M.P., Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-18 ta' Marzu 2024.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, Kap. 354.**

ELEANOR SCERRI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Michael Falzon, M.P., Minister for Social Policy and Children's Rights, on behalf of the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector, and read the First time at the Sitting of the 18th March 2024.

**AN ACT to amend the General Elections Act, Cap. 354.**

ELEANOR SCERRI
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, Kap. 354.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 354.

**2.** Is-subartikolu (3A) tal-artikolu 77 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 77 tal-Att prinċipali.

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "li tiddikjara bil-ġurament quddiem il-Kummissjoni Elettorali jew persuni oħra maħturin mill-Kummissjoni sabiex jagħmluha minflok il-Kummissjonarji" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li tiddikjara bil-miktub fuq il-formula preskritta għal dak il-għan mill-Kummissjoni jew b'mezzi elettroniċi permezz ta' sit elettroniku intiż għal dak il-għan mill-Kummissjoni"; u

(ii) fit-tielet proviso tiegħu, il-kliem "liema dikjarazzjoni mhux bilfors tista' tkun tirrikjedi dikjarazzjoni ġuramentata." għandhom jiġu mħassra;

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kelma "ġuramentata" għandha tiġi mħassra; u

(ċ) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) l-ewwel proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda kwalunkwe persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni kif imsemmi hawn fuq u li ma tkunx irċeviet id-dokument tal-votazzjoni tagħha, għandha tiġi provduta mill-Kummissjoni jew minn persuni oħra maħtura mill-Kummissjoni sabiex jaġixxu għan-nom tal-Kummissjonarji, b'tali dokument meta l-imsemmija persuna tkun għamlet tali dikjarazzjoni, jew fin-nuqqas, tali dokument jista' jinġabar mill-persuna nnifisha mill-post indikat mill-Kummissjoni għall-fini li tali persuna tivvota sebat (7) ijiem qabel jum il-votazzjoni, diment li l-imsemmija persuna tipproduċi d-dokument ta' identifikazzjoni validu tagħha lir-rappreżentant tal-Kummissjoni li jkun delegat minnha bil-għan li jiġi kkunsinnat tali dokument:"; u

(ii) fit-tieni proviso tiegħu, il-kelma "ġuramentata" għandha tiġi mħassra.

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jitneħħa r-rekwiżit li ssir dikjarazzjoni ġuramentata sabiex votant jivvota fil-votazzjoni li ssir qabel il-jum tal-elezzjoni u sabiex id-dikjarazzjoni ssir fuq il-formula preskritta għal dan il-għan mill-Kummissjoni jew b'mezzi elettroniċi permezz ta' sit elettroniku.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the General Elections Act, Cap. 354.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The short title of this Act is the General Elections (Amendment) Act, 2024 and this Act shall be read and construed as one with the General Elections Act, hereinafter referred to as the "principal Act". Short title. Cap. 354.

**2.** Sub-article (3A) of article 77 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of article 77 of the principal Act.

(a) paragraph (a) thereof shall be amended as follows:

(i) the words "who declares on oath before the Electoral Commission or such other persons appointed by the Commission to act instead of the Commissioners" shall be substituted by the words "who declares in writing on the form prescribed for that purpose by the Commission or by electronic means through a website intended for that purpose by the Commission"; and

(ii) in the third proviso thereof, the words "which declaration may not necessarily require a sworn declaration." shall be deleted;

(b) in paragraph (b) thereof, the word "sworn" shall be deleted; and

(c) paragraph (c) thereof shall be amended as follows:

(i) the first proviso thereof shall be substituted by

the following new proviso:

"Provided that any person who makes the declaration as aforesaid and who did not receive his voting document, shall be provided by the Commission or persons appointed by the Commission to act on behalf of the Commissioners, with such document when the said person makes such declaration, or in default, such document may be collected by the person himself from the place designated by the Commission for the purpose that, such person votes seven (7) days prior to polling day, provided that the said person produces his valid identification document to the representative of the Commission who is delegated by it for the purpose of delivering such document:"; and

(ii) in the second proviso thereof, the word "sworn" shall be deleted.

---

**Objects and Reasons**

The objects and reasons of this Bill are to remove the requirement of a declaration on oath for a voter to vote in the voting taking place before the day of the election and in order for the declaration to be made on the form prescribed for that purpose by the Commission or by electronic means through a website.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**